# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru 2020**

**Numru 14**

**Rikors numru 801/09 AE**

**George u Helen konjugi Vella**

**v.**

**Simon sive Xmun Azzopardi u Josephine sive Jessie Azzopardi, id-Direttur tal-Agrikoltura u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat ta' George u Helen konjugi Vella, li permezz tieghu nghad:

> "1. Illi permezz ta' skrittura privata tal-24 ta' Marzu 2009 (kopja hawn annessa u mmarkata Dokument 'VV1') ir-rikorrenti xtraw u akkwistaw minghand l-intimati Xmun u Josephine sive Jessie konjugi Azzopardi kwota ta' 269,534 kilo halib u cioe' l-Kwantita' ta' Referenza PT27/09-10 kif ukoll l-intitolamenti relatati maghha;
>
> "2. Illi minkejja li fl-imsemmija skrittura ma hemm ebda riferenza ghall-prezz ta' tali trasferiment, il-partijiet kienu ftiehmu definittivament

illi l-prezz kellu jkun ta' elf tliet mija u sebgha u disghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,397.62) ossija sitt mitt Lira Maltin (Lm600) il-gallun, cioe' total ta' mija u hdax-il elf, tmien mija u disgha Ewro u tnejn u disghin centezmu (€111,809.92) ekwivalenti ghal tmienja u erbghin elf Lira Maltin (Lm48,000). Pero' gie miftiehem bejn il-partijiet li l-hlas kellu jsir fil-mument meta l-kwota mibjugha tigi effettivament registrata favur ir-rikorrenti u r-rikorrent jikkonferma illi l-hlas isir malli ssir tali registrazzjoni;

"3. Illi sussegwentement il-partijiet dahhlu applikazzjoni mad-Dipartiment tal-Agrikoltura ghal trasferiment permanenti tal-imsemmija Kwota ta' Referenza tal-halib, kopja awtentika ta' liema applikazzjoni qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "VV2";

"4. Illi minkejja li t-trasferiment kien gie konkluz definittivament l-intimati konjugi Azzopardi sussegwentement ippretendew li huma setghu jiddetjenu l-licenzja fuq il-kwota trasferita lir-rikorrenti u juzaw l-istess sabiex jimpurtaw aktar baqar ghall-produzzjoni tal-halib;

"5. Illi sadanittant ir-rikorrenti qieghdin isofru danni peress illi ma jistghux juzaw il-kwoti tal-halib li huma xtraw minghand l-intimati konjugi Azzopardi, u dan kif sejjer jigi ippruvat aktar dettaljatament waqt is-smigh tal-kawza;

"6. Illi inoltre d-Dipartiment tal-Agrikoltura (Sezzjoni tat-Trobbija tal-Annimali) qieghed jirrifjuta li jirrikonoxxi lir-rikorrenti bhala l-propjetarji tal-imsemmija Kwota ta' Referenza tal-halib PT27/09-10, u dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

"7. Illi ghalhekk ir-rikorrenti jixtiequ illi huma jigu rikonoxxuti bhala propjetarji tal-fuq imsemmija Kwota ta' Referenza u jigu ikkumpensati tad-danni li gew ikkagunati lilhom minhabba d-dewmien ta' tali rikonoxximent;

"8. Illi minkejja li l-intimati gew debitament interpellati anke permezz ta' ittra ufficjali (kopja hawn annessa u mmarkata Dokument 'VV3'), dawn baqghu inadempjenti;

"9. Illi ghaldaqstant kellha ssir il-prezenti kawza;

"Ghaldaqstant jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha, salv kwalsijasi dikjarazzjoni ohra opportuna:-

"1. Tiddikjara illi permezz tal-iskrittura tal-24 ta' Marzu 2004 (Dokument 'VV1') l-atturi akkwistaw il-kwota ta' 269,534 kilo halib, Kwantita' ta' Referenza PT27/09-10, bl-intitolamenti relatati maghha;

"2. Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom qieghdin jirrifjutaw li jhallu lir-rikorrenti jaghmlu uzu mill-kwota mixtrija minnhom;

"3. Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallu lir-rikorrenti jaghmlu uzu shih mill-imsemmija kwota;

"4. Tiddikjara illi r-rikorrenti soffrew danni minhabba l-agir tal-intimati;

"5. Tillikwida l-imsemmija danni;

"6. Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallas id-danni hekk likwidati lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma ingunti minn issa ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta guramentata ta' Simon sive Xmun u Josephine sive Jessie konjugi Azzopardi li permezz taghha eccepew hekk:

"1. Illi l-ftehim tal-24 ta' Marzu 2009 kien bejgh b'kundizzjoni resoluttiva li din tigi debitament approvata mid-Dipartiment tal-Agrikoltura.

"2. Kontestwalment mal-iffirmar tal-ftehim tal-24 ta' Marzu 2009 giet iffirmata applikazzjoni mad-Dipartiment tal-Agrikoltura. Din l-applikazzjoni hija parti integrali tal-ftehim tal-24 ta' Marzu 2009 u giet iffirmata kontestwalment u mhux sussegwentement kif jippremettu r-rikorrenti. Din l-applikazzjoni ma gietx approvata. Ma jista' jsir ebda trasferiment ta' Kwantita ta' Referenza u tal-intitolamenti relatati maghha jekk mhux bl-approvazzjoni tad-Dipartiment imsemmi u ghalhekk in-non approvazzjoni tal-applikazzjoni ghandu effett risoluttiv. Konsegwentement dak in-negozju spicca.

"3. Illi dan kollu ingieb a konoxxenza tar-rikorrenti li min-naha tieghu verbalment iddikjara mal-esponenti li ma kienx lest jidhol f'litigazzjoni mad-Dipartiment sabiex tinkiseb tali approvazzjoni u ghalhekk ftiehmu li kelhom jerga jitkellmu u jinnegozjaw mill-gdid appena c-cirkostanzi jinbiddlu.

"4. L-esponenti m'huma responsabbli ghal-ebda danni u dan stante li huma onoraw l-obbligi taghhom pattwiti u f'kull kaz ir-rikorrenti ma sofrew ebda danni.

"5. Illi minghajr pregudizzju ghal-premess u in linea sussidjarja jekk t-transazzjoni tal-24 ta' Marzu 2009 titqies bhala konvenju, ma gewx segwiti d-disposizzjonijiet tal-ligi u konsegwentement anke ghal din ir-raguni t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

"6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

3. Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Avukat Generali u Direttur tal-Agrikoltura li permezz taghha wiegbu:

> "Illi l-Avukat Generali m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
>
> "Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."

4. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Marzu, 2013, li permezz taghha ddecidiet il-kawza *in parte* fis-sens li:

> "1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni li l-Avukat Generali m'huwiex legittimu kontradittur u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.
>
> "2. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Azzopardi.
>
> "3. Tilqa' l-ewwel erbgha (4) talbiet tal-atturi in kwantu dawn saru fil-konfront ta' Simon u Josephine konjugi Azzopardi, b'dan li l-atturi huma obbligati jhallsu l-prezz pattwit lill-konvenuti Azzopardi kontestwalment mar-registrazzjoni tal-kwota u l-intitolamenti f'isem l-attur u li ghad trid issir mid-Dipartiment tal-Agrikoltura.
>
> "4. Tillibera lid-Direttur tal-Agrikoltura mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward tar-raba', hames u sitt talbiet peress li kien minhabba l-agir tal-konvenut Azzopardi li ma gietx finalizzata r-registrazzjoni tat-trasferiment u l-atturi sofrew danni. B'dan li dan il-konvenut ghandu minnufih jara x'fadal x'isir u jaghmlu sabiex jigi finalizzat it-trasferiment tal-kwantita' ta' riferenza favur l-atturi flimkien mal-intitolamenti relevanti.
>
> "Spejjez a karigu tal-konvenuti Azzopardi, b'dan li d-Direttur tal-Agrikoltura ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez meqjusa l-posizzjoni li ha wara l-ittra legali mibghuta mill-konvenut."

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Jibda biex jinghad li m'hemmx dubju li l-Avukat Generali m'huwiex il-legittimu kontradittur gialadarba qatt ma kien involut f'dak li wassal ghal din il-vertenza.

"Il-kaz jitratta dwar skrittura privata li ffirmaw il-kontendenti fejn jinghad hekk:

> *"Data 24 ta' Marzu, 2009.*
>
> *"Min-naha wahda Xmun Azzopardi D22 rahhal, u Jessie nee' Portelli, imwieled Rabat u joqghod Rabat b'karta ta' l-identita numru 58564(M) u martu 709043(M) aktar il-quddiem maghrufa bhala l-bejjiegha; u*
>
> *"Min-naha l-ohra Gorg Vella D220, u martu Helen nee Gauci, u residenti Naxxar Malta aktar il-quddiem maghrufa bhala x-xerrejja.*
>
> *"Il-bejjiegha qeghdin jittrasferixxu l-kwantita ta' referenza kif ukoll l-intitolament relatati mal-kwantita ta' referenza PT27/09-10 u ix-xerrejja min-naha l-ohra qeghdin jakkwistaw l-parti relevanti.".*

"Dakinhar stess il-partijiet iffirmaw applikazzjoni mad-Dipartiment tal-Agrikotura ghal *"....trasferiment ta' Kwantita ta' Referenza tal-halib 2009/2010"*[1], fejn jinghad:-

> *"Id-detentur/i qeghdin jitrasferixxu l-intitolamenti relevanti mal-kwantita' ta' referenza u r-recivitur/i minn naha l-ohra qeghdin jakwistaw l-parti relevanti.".*

"Frank Caruana, ufficjal tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura, ikkonferma li l-kontendenti kienu marru jkellmuh u quddiemu ffirmaw li *"....riedu jaghmlu transfer tal-kwota kif ukoll ghamlu skrittura li ha jaghmlu transfer ta' l-entitlement."*[2]. Fil-fatt hemm il-firma tieghu fuq iz-zewg dokumenti.

"Hemm qbil li l-konvenut Azzopardi kellu kwota ta' mitt gallun (100) registrata f'ismu, u n-negozju li sar kien jitratta il-kwota ta' tmenin (80) gallun. Anthony Gruppetta, Direttur Generali Servizzi Veterinarji, xehed:-

> *"Din il-kwota hi soggetta li tigi negozjata, ghalhekk kull rahhal ghandu dritt li jittrasferixxi parti mill-kwota tieghu. Jista' wkoll jikri parti mill-kwota."*[3].

"Id-difiza tal-konvenuti Azzopardi hi bbazata fuq l-allegazzjoni li d-Dipartiment ma kienx approva t-trasferiment tal-kwota ta' halib u ghalhekk in-negozju ma baqax jorbot lill-partijiet. Hemm qbil ukoll li l-prezz ta' dan in-negozju kien ta' €111,809.926.[4]

"Mill-provi rrizulta li:-

---

[1] Fol. 7.
[2] Seduta tat-2 ta' Marzu 2010 (fol. 44).
[3] Seduta tat-2 ta' Mejju 2012 (fol. 97).
[4] Il-konvenut xehed: "Il-ftehim kien li jien nbiegh tmenin (80) gallun kwota ghall-halib lis-sur Vella bi prezz ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) il-gallun, bil-patt li kif iddur fuq ismu itini l-flus."

i. Permezz ta' email datata 25 ta' Marzu 2009, Frank Caruana kien gharraf ufficjali ohra:= *"Please note that Mr Xmun Azzopardi D22 is asking to transfer 561.6kgs and 140.4kgs of his daily contract onto Mr. George Vella D220 and his son Mr Raymond Azzopardi D247 respectively."*.

ii. L-ordni li nghatat minn Anthony Gruppetta kienet li t-trasferiment jinzamm minhabba kwistjonijiet pendenti li kien hemm mal-konvenut Azzopardi.

iii. F'email datata 5 ta' Mejju 2009 li ntbaghatet lil Frank Caruana, Anthony Gruppetta kkonferma: *"In view of the fact that Mr Xmun Azzopardi has paid his fine and in line with the relevant articles of Chap 437 he is to be considered as having settled all his issues with the Veterinary Division, I can now endorse the transfers of his milking quotas to third parties."*[5]

iv. F'email ohra datata 13 ta' Mejju 2009 li ntbaghatet lil Frank Caruana lill-ufficjali Anthony Gruppetta u Noel Azzopardi, gharrafhom: *"Please note. I have been adviced by our legal advisors not to proceed with these transfers for the time being. Reason being that Xmun's lawyer has written to the Department asking to withdraw the agreement done with Gorg Vella D220."*[6]

"Ir-retroxxena wara dan kollu huma multi mposti mit-Taqsima ta' Regolament Veterinarju fuq Azzopardi minhabba:-

- Trasferiment ta' annimali minghajr permess[7];
- Tnehhija ta' comb minn mal-widnejn tal-annimali li jrabbi[8];

[5] Fol. 81.
[6] Fol. 82.
[7] Fol. 99-100.
[8] Fol. 101.

"Fil-fatt b'ittra datata 9 ta' Jannar 2009[9], id-Direttur tat-Taqsima ta' Regolament Veterinarju, Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd infurmah li:

> *".....minhabba proceduri pendenti li hemm kontra tieghek rigward xi bhejjem neqsin mir-razzet u xi comb li nstab manomess, qieghed b'effett immedjat nitolbok tieqaf mill-produzzjoni tal-halib sakemm il-kazijiet kollha tieghek jigu rizolti, peress li l-bio sigurta' tal-halib tieghek giet kompromessa."*.

"Ordni li giet sospiza sat-30 ta' Marzu 2009[10]. Sussegwentement permezz ta' ittra datata 26 ta' Frar 2009 l-istess Direttur baghat igharraf lill-konvenut li kien accetta l-ispjegazzjoni li ta. Madankollu tah ukoll avviz li waqt spezzjoni li saret fir-razzett tieghu irrizulta *".....diskrepanzi bejn id-dati tat-twelid, id-dati ta' meta gew irregistrati l-bhejjem u kemm fil-fatt ghandhom zmien."*[11]. Kien hemm ukoll kaz fejn ic-comb instab mbaghabas jew imtaqqeb.

"Skond l-Artikolu 1370 tal-Kodici Civili:-

> *"Tista' tinbiegh kull haga li hi fil-kummerc, kemm-il darba t-trasferiment taghha ma jkunx ipprojbit minn xi ligi specjali."*.

"Imbaghad skond l-Artikolu 1347 tal-Kodici Civili:-

> *"Il-bejgh hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu ghall-bejjiegh, il-proprjeta' tal-haga tghaddi ghand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-haga tkun ghad ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz; u minn dak il-hin il-haga nfisha tibqa' ghar-riskju u ghall-uzu tax-xerrej."*[12].

"Jirrizulta li l-partijiet ftehemu dwar il-haga u l-prezz. Il-prezz hu ta' elf tlett mija u sebgha u disghajn ewro u tnejn u erbghin centezmu (€1,397.42) ghal kull gallun halib[13]. Fl-applikazzjoni li l-partijiet ipprezentaw fid-Dipartiment tal-Agrikoltura datata 24 ta' Marzu 2009 l-ammont li jissemma hu ta' 269,534 kilogrammi[14]. Il-fatt li fl-iskrittura ma jissemmix il-prezz ma jfissirx li l-bejgh m'huwiex validu, u dan kuntrarjament ghal dak li qeghdin isostnu l-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw fit-2 ta' Ottubru 2012. Mill-provi irrizulta inewkivokabilment x'kien il-prezz pattwit u dwar dan m'hemmx divergenza bejn il-kontendenti.

"Minn qari tal-iskrittura privata datata 24 ta' Marzu 2009 hu evidenti li l-ftehim ma kienx konvenju, izda bejgh ta' haga inkorporali. Kien fin-noti ta' sottomissjonijiet li l-konvenuti bdew isostnu li l-iskrittura tal-24 ta'

---

[9] Fol. 103.
[10] Ara email datata 2 ta' Jannar 2009 a fol. 104.
[11] Fol. 105.
[12] Ara wkoll l-Artikolu 994 tal-Kodici Civili.
[13] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi u deposizzjoni ta' Azzopardi tas-6 ta' Settembru 2011 (fol. 90).
[14] Fol. 7.

Marzu 2009 kienet konvenju[15]. Argument li m'huwiex kompatibbli mal-ewwel eccezzjoni li taqra:- *"Il-ftehim tal-24 ta' Marzu 2009 kien bejgh b'kondizzjoni rizoluttiva li din tigi debitament approvata mid-Dipartiment tal-Agrikoltura."*.
"Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-konvenut li sehhet kondizzjoni rizoluttiva u b'hekk il-ftehim inhall u l-partijiet tqieghdu fil-posizzjoni li kienu qabel iffirmaw l-iskrittura u l-applikazzjoni fl-24 ta' Marzu 2009. Fl-ebda stadju ma kien hemm rifjut mid-Dipartiment tal-Agrikoltura ghar-registrazzjoni tat-trasferiment tal-kwota. Il-problema kienet li minhabba l-pendenzi li l-konvenut kellu mad-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji, l-ufficjal responsabbli minn dak id-Dipartiment insista li l-konvenut jirregolarizza l-posizzjoni tieghu qabel isir it-transfer. Meta ghamel hekk ir-registrazzjoni setghet issir. Madankollu l-konvenut waqqaf il-process billi baghat ittra legali datata 6 ta' April 2009 (fol. 22) fejn iddikjara:-

> *"Ninsab dirett ninfurmak illi l-kljent tieghi bi hsiebu jwaqqaf in-negozju li kien qed jaghmel u ghal li gej hu behsiebu jkompli jopera bl-istess ammont ta' kwota. Ghaldaqstant, gentilment nitolbok sabiex twaqqaf l-process tat-trasferiment tal-kwota tal-halib."*.

"Dan meta l-ftehim ma' Vella sar ftit granet qabel, cjoe' fl-24 ta' Marzu 2009. Mill-provi hu evidenti li kien l-agir tal-konvenut Azzopardi li zamm il-permess milli jigi registrat f'isem l-attur. Fil-fatt f'email datata 5 ta' Mejju 2009 skambjata bejn ufficcjali tad-dipartiment tal-Gvern inghad:-

> *"Dear Frank,*
>
> *In view of the fact that Mr Xmun Azzopardi has paid his fine and in line with the relevant articles of Chap 437 he is to be considered as having settled all his issues with the Veterinary Division, I can now endorse the transfers of his milking quotas to third parties.*
>
> *This endorsement is subject to usual conditions of non-transfer of livestock.*
>
> *A.Gruppetta."*[16]

"Ghalhekk fil-5 ta' Mejju 2009 kien hemm konferma li l-process seta' jigi finalizzat. L-eghmil tal-konvenut m'huwiex ta' persuna bil-*bona fidi*, u dan imur kontra dak li jiddisponi l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili[17].

"M'ghandux ikun li parti tipprova tiehu beneficcju min-nuqqas taghha stess sabiex tipprova unilateralment tholl kuntratt. Kien proprju minhabba l-pendenzi li Azzopardi kellu mat-Taqsima Veterinarja li t-trasferiment tal-kwota tal-halib ma gietx registrata mill-ewwel. Ghalkemm il-konvenut xehed li kien qatel il-baqar *"..... ghax ma kellix*

[15] Ara dik il-parti ntestata kuntratt finali.
[16] Fol. 81.
[17] "Il-kuntratti ghandhom jigu esegiwti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghhad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi.".

*bzonn il-kwota. Imbaghad is-sur Caruana geghelni ngib il-baqar minn barra biex ma nitlifx il-kwota."*[18]. M'hemm l-ebda prova li tikkorabora dan.

"Skond l-Artikolu 1382 tal-Kodici Civili:-

> *"Il-kunsinna ta' haga inkorporali ssir jew bl-uzu li jaghmel minnha x-xerrej bil-kunsens tal-bejjiegh, jew bil-kunsinna tad-dokumenti, meta l-bejgh hu ta' jeddijiet li gejjin minn dokument li jistghu jigu trasferiti b'gira jew b'kunsinna."*.

"Fil-kaz in ezami jirrizulta li sabiex il-kwota tal-halib setghet tinqaleb f'isem l-attur, kien jehtieg l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Agrikoltura u s-Servizzi Veterinarji. Approvazzjoni li nghatat.

"Fir-risposta guramentata l-konvenuti ddikjaraw ukoll li l-attur kien iddikjara li *"...ma kienx lest jidhol f'litigazzjoni mad-Dipartiment sabiex tinkiseb tali approvazzjoni u ghalhekk ftiehmu li kellhom jerga' jitkellmu u jinnegozjaw mill-gdid appena c-cirkostanzi jinbidlu."*. Ma saret l-ebda prova ta' dan u ghalhekk din l-eccezzjoni hi bla bazi.

"Ghal dak li jikkoncerna d-danni, m'hemmx provi sabiex il-qorti tkun tista' tillikwida l-istess. Kull m'hemm fl-atti hi nota li pprezenta l-attur fejn jinghad li d-danni huma:-

> *"Riferibbilment ghall-intitolamenti marbutin mal-kwantita' ta' referenza PT27/09-10 l-atturi soffrew telf ta' €23.29 (ekwivalenti ghal Lm10) kuljum mid-data tal-kuntratt sa dakinhar li l-kwoti tal-halib de quo agitur jigu effettivament irregistrati f'isem l-atturi;*
>
> *u*
>
> *Riferibbilment ghall-kwota nfisha, l-atturi soffrew telf ta' €46.59 (ekwivalenti ghal Lm20) kuljum mid-data tal-kuntratt sa dakinhar li l-kwoti tal-halib de quo agitur jigu effettivament irregistrati f'isem l-atturi."*.

"Il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li meta l-bejjiegh biddel fehemtu u ta struzzjonijiet sabiex it-trasferiment ma jigix registrat, l-atturi bdew isofru telf ta' qliegh ghal kull gurnata li bdiet tghaddi wara l-5 ta' Mejju 2009 gialadarba ma kellhomx il-kwota tal-halib li akkwistaw ghad-disposizzjoni taghhom. Danni li jridu jaghmlu tajjeb ghalihom il-konjugi Azzopardi in kwantu kien l-agir taghhom li wassal sabiex il-process ta' trasferiment ma jigix finalizzat. Sabiex il-qorti tkun tista' tillikwida d-danni ghandha bzonn iktar taghrif, u ghalhekk hemm il-htiega li l-istadju tal-provi jerga' jinfetah."

[18] Fol. 90/

6. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Frar, 2015, li permezz taghha ddecidiet it-talba ta' danni fis-sens li:

> "1. Tillikwida d-danni fis-somma ta' hamsa u sebghin ewro (€75) ghal kull gurnata mis-6 ta' Mejju 2009 sal-lum flimkien mas-somma ta' elfejn tlett mija u wiehed euro (€2,301) spejjez relatati mar-rapport ta' Emanuel Vella[19].
>
> "2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' mija u sebgha u hamsin elf tmien mija u hamsa u sebghin ewro (€157,875)[20] flimkien mas-somma ta' elfejn tlett mija u wiehed euro (€2,301) u bl-imghax mil-lum.
>
> "Bl-ispejjez a karigu tal-konvenuti."

7. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Fadal illum li jigu likwidati d-danni (talbiet numru hamsa u sitta). Danni li jikkonsistu f'telf ta' qliegh minhabba li l-konvenuti Azzopardi ma hallewx lill-atturi li jaghmlu uzu minn 80 gallun kwota ta' halib ghal kuljum wara li kien sar negozu bejniethom permezz ta' skrittura datata 24 ta' Marzu 2004 (recte:2009) li biha l-konvenuti ttrasferew dik il-kwota lill-atturi.
>
> "L-atturi pprezentaw rapport ta' Emanuel Ellul, accountant li xehed li kienu ilu 25 sena jatihom servizz ta' accountant. Fir-rapport tieghu kkonkluda li:-
>
> > *"(a) Lost Financial Aid Entitlement Income up to 30th April, 2013 amounts to €39,499….*
> >
> > *(b) Lost income from milk sales net of variable costs up to 30th April 2013 amounts to €103,487….*
> >
> > *(c) Based on the above, a average of €26.50 of Financial Aid Entitlement Income per day is lost as from 1st of May 2013 until milk quota in question is transferred…..*
> >
> > *(d) Based on the above an average of €71.08 of profit (sales net of fodder costs) per day is lost as from 1st of May, 2013 until milk quota in question is transferred…."* (fol. 185).

[19] Ara kont a fol. 181.

[20] Bejn is-6 ta' Mejju 2009 u d-9 ta' Frar 2015 hemm 2,105 gurnata. Ovvjament jibqghu mpregudikati kull pretensjoni tal-atturi ghal wara llum.

"Jirrizulta li fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2010 sa 28 ta' Frar 2010 u l-1 ta' Awissu 2010 sal-31 ta' Lulju 2011, l-attur ma setax jipproduci bizzejjed halib biex jilhaq il-kwota; "*This is because Mr Vella purchased cows that were still not of production age to replace original herds due to he Leucosis disease. It is normal and permissible that a milk producer rents out the milk quota (not utilized because of short fall of milk production for any reason) to another farmer*" (fol. 184).

"Meta xehed Ellul qal:

- Il-kalkoli li ghamel jibdew mill-5 ta' Mejju 2009;
- Fil-kalkoli kkunsidra l-ispejjez sabiex l-attur jipproduci 80 gallun halib kuljum. Spejjez jinkludu fuel, medicini, dawl, ilma u xiri ta' gwiez;
- Il-kalkoli huma bazati fuq il-kwota ta' glalen halib li l-attur kien intitolat li jipproduci;
- Kien hemm perjodu meta fir-razzett tal-atturi kien hemm il-marda tal-Leucosis li wassal li matul dak il-perjodu l-baqar kellhom jinqatlu u ghalhekk kienet waqfet il-produzzjoni tal-halib;
- Gallun halib hu ekwivalenti ghal 4.68238 kilogrammi;

"Jidher li x-xhud ghamel il-kalkoli fuq il-massimu tal-halib li seta' jigi prodott fuq kwota ta' 80 gallun kuljum. Hu evidenti li x-xhud inkluda dik il-kwota zejda li r-rahhal jista' jipproduci fuq il-kwota li jkollu (ara Dok. C a fol. 188 fejn l-ispejjez gew kalkolati fuq 120 gallun kuljum ghas-snin 2009 sa 2010 u 124.40 gallun kuljum ghas-snin 2011 sa 2013, kif ukoll Dok. D a fol. 191 li jirreferi ghal bejgh ta' halib kuljum matul is-sena 2013 fuq kwota ta' 124.40 gallun kuljum[21]).

"Ix-xhud ikkalkola li d-dhul tal-atturi ghal kull gurnata kien ikun ta' €71.08, kieku kellhom il-kwota li l-konvenuti Azzopardi ttrasferewlhom[22]. Ghalkemm kien hemm perjodi meta ma kienx qieghed jigi prodott halib minhabba mard li kien hemm fir-razzett tal-atturi, jirrizulta li rahhal xorta jkun jista' jikri l-kwota lil terzi, u b'hekk xorta jkollu qliegh mill-kwota li jikri lit-terz.

"Bazat fuq il-kalkoli ta' bejgh ta' halib u spejjez (variable costs), fil-perjodu bejn 5 ta' Mejju 2009 sat-30 ta' April 2013, fuq medja l-introtju kien ta' €62.77 ghal kull gurnata. Cifra li ma fihiex qliegh mill-kiri. Ovvjament din hi biss projection u ma jistax ikollok certezza. Stima bazata fuq certu taghrif li ma nghadx is-sors minn fejn ingieb it-taghrif. Hekk per ezempju l-ispiza ta' ikel kuljum ghal kull baqra. Il-qorti tinnota wkoll li r-rapport imhejji minn Emanuel Ellul ma jinkludiex taghrif ta' x'bejgh u spejjez kellhom l-atturi fil-perjodu li ghalih jirreferi r-rapport u

---

[21] Frank Caruana, ufficjal tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, xehed: "Ghalhekk kieku dan it-transfer gie konkluz u l-kwota giet registrata f'isem l-attur, ifisser li kien ikollu 80 gallun times 55.5 percent ghal kull gurnata at full price" (fol. 324).

[22] Mid-dokument B a fol. 402 jidher li dan il-kalkolu jinkludi telf ta' qliegh f'kera matul il-perjodu l-1 ta' Jannar 2010 sat-28 ta' Frar 2010; l-1 ta' Awissu 2010 sal-31 ta' Dicembru 2010; u l-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Lulju 2011.

l-kwota tal-halib li effettivament kienu qeghdin jutilizzaw. Taghrif li seta' jkun ta' ghajnuna biex wiehed ikollu stampa iktar wiesgha. Min-naha l-ohra ghal dak li jikkoncerna l-prezz ta' bejgh tal-halib, jirrizulta li r-relatur gabar it-taghrif minn dokumenti mahruga mill-Malta Dairy Products u l-Koperattiva Produtturi tal-Halib Ltd ghall-hlasijiet li l-attur ircieva matul l-istess zmien, kopja ta' liema gew mehmuza mar-rapport tieghu.

"Hemm ukoll somma ohra ta' €26.50 kuljum f'ghajnuna finanzjarja li kienu jkunu ntitolati ghaliha. Min-naha taghhom il-konvenuti ma kkummentaw xejn dwar dan. Il-qorti fehmet li din hi cifra fissa li tithallas mill-Gvern, u li l-atturi ghadhom ma bbenefikawx minnha fir-rigward tal-kwota li ttrasferewlhom il-konvenuti[23]. M'huwiex car jekk din ic-cifra tithallas ukoll fil-perjodu meta ma jkunx qieghed jigi prodott il-halib.

"Ghalkemm jidher li l-konvenuti jsostnu li l-atturi ma kellhomx bizzejjed baqar fir-razzett sabiex ikunu jistghu jipproducu kwota ta' 80 gallun kuljum, fil-fehma tal-qorti dan l-argument hu dghajjef. Ir-raguni tghidlek li jekk kien hekk ir-rahhal kien jakkwista iktar baqar biex jiehu l-qliegh minn dik il-kwota jew alternattivament jikriha lil terzi. Inoltre mit-taghrif li nghata minn Frank Caruana[24], jidher li hi korretta l-fehma ta' Emanuel Ellul dwar in-numru ta' baqar li kien ikollhom bzonn l-atturi ghall-produzzjoni tal-kwota li akkwistaw minghand il-konvenuti.

"Mehud in konsiderazzjoni ta' dak li nghad hawn fuq il-qorti qeghda *arbitrio boni viri* tillikwida s-somma ta' **€75** ghal kull gurnata bhala telf ta' qliegh[25]."

8. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti Simon u Josephine sive Jessie konjugi Azzopardi, li permezz tieghu appellaw miz-zewg sentenzi hawn appena citati u talbu li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenzi appellati tal-25 ta' Marzu, 2013 u tad-9 ta' Frar, 2015, fl-ismijiet premessi u filwaqt

---

[23] Fir-rapport ta' Emanuel Ellul jinghad: "Financial Aid Entitlement Income – This represents a payment to each milk producer of Euro 120.95 per gallon of milk quota held (80 gallons) and paid annually for period 1st April to 31st March by Ministry for Rural Affairs and the Environment to each milk quota holder" (fol. 183).

[24] Ara Dok. FC1 a fol. 326 fejn hemm jinghad li baqra wahda tipproduci medja ta' 3.81 halib kull gurnata.

[25] Il-qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-atturi kienu pprezentaw nota (fol. 15) fejn iddikjaraw li d-danni li sofrew kienu telf ta' €23.29 kuljum li jirreferi ghal entitlement marbutin mal-Kwantita ta' Riferenza PT27/09-10 u €46.59 riferibbli ghall-kwota nfisha, b'total ta' €69.88 ghal kull gurnata.

li tichad it-talbiet tal-atturi appellati, tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

9. Rat ir-risposta tad-Direttur tal-Agrikoltura u tal-Avukat Generali li permezz taghha wiegbu li l-appell fl-ismijiet premessi ghandu jigi michud u s-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Marzu, 2013 u tad-9 ta' Frar, 2015, ghandhom jigu kkonfermati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti.

10. Rat ir-risposta tal-appell ta' George u Helen konjugi Vella li permezz taghha talbu lil din il-Qorti sabiex tiddisponi mill-appell imressaq mill-konvenuti konjugi Azzopardi billi tichad l-istess u minflok tikkonferma s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Marzu, 2013 u dik tad-9 ta' Frar, 2015, fil-kawza fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-appellanti.

11. Rat li l-atturi appellati pprevalew ruhhom mill-appell principali tal-konvenuti konjugi Azzopardi u nterponew appell incidentali u f'kaz biss li jintlaqa' l-appell tal-konvenuti konjugi Azzopardi u ssib li mhumiex responsabbli jew mhumiex unikament responsabbli ghal-lanjanzi tal-atturi, talbu lil din il-Qorti tilqa' l-appell incidentali taghhom u konsegwentement:

(i) tbiddel is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Marzu, 2013 fl-ismijiet premessi fis-sens illi tikkonfermaha kwantu cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Azzopardi, thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza tal-25 ta' Marzu, 2013 fejn l-ewwel Qorti ddikjarat li l-Avukat Generali mhux legittimu kontradittur u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju, thassar u tirrevoka dik il-parti tal-istess sentenza fejn laqghet l-ewwel erba' talbiet attrici biss fil-konfront tal-konvenuti konjugi Azzopardi, thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lid-Direttur tal-Agrikoltura mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward tar-raba', hames u s-sitt talbiet attrici u minflok tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-intimati kollha jew min minnhom;

(ii) tbiddel is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Frar, 2015, fl-ismijiet premessi fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu l-likwidazzjoni tad-danni, thassarha u tirrevokaha in kwantu kkundannat biss lill-konvenuti Azzopardi ghall-hlas tal-istess danni u minflok tordna lill-intimati kollha jew min minnhom ghall-hlas tal-istess danni,

bl-ispejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-konvenuti appellati.

12. Rat ir-risposta tal-appell incidentali ta' Simon u Josephine sive Jessie Azzopardi li permezz taghha wiegbu fis-sens li, minghajr pregudizzju ghall-appell principali minnhom intavolat, jekk kemm-il darba din il-Qorti tichad l-appell principali taghhom, ghandha tilqa' l-appell incidentali tal-konjugi Vella. Ghalhekk talbu li din il-Qorti tvarja s-sentenza

tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Marzu, 2013, fejn l-ewwel Qorti ddikjarat li l-Avukat Generali mhux legittimu kontradittur u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju, u thassar u tirrevoka dik il-parti tal-istess sentenza fejn laqghet l-ewwel erba' talbiet attrici biss fil-konfront tal-konvenuti konjugi Azzopardi, thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lid-Direttur tal-Agrikoltura mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward tar-raba', hames u s-sitt talbiet attrici u minflok tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-intimati kollha jew min minnhom. Kif ukoll, talbu li din il-Qorti tbiddel u tvarja is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Frar, 2015, fl-ismijiet premessi fis-sens illi tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* jew min minnhom ghall-hlas ta' danni kif likwidati u tordna l-hlas tal-istess danni jithallsu mill-konvenuti in solidum jew min minnhom, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konjugi Vella u l-konvenuti l-ohra.

13. Rat ix-xhieda moghtija minn Dr. Justin Zahra quddiem din il-Qorti waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu, 2020, kif ukoll in-nota da parti tal-attur George Vella li permezz taghha esebixxa l-kuntratt li llum ghandu mal-Malta Dairy Products u d-dokumenti ohra esebiti minnu.

14. Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw kemm l-appell principali, kif ukoll dak incidentali waqt is-seduta tat-30 ta' Gunju, 2020, meta l-appell gie differit ghas-sentenza.

15. Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidrat:

16. Illi din il-kawza mressqa mill-atturi konjugi Vella hija wahda kemm ta' natura dikjaratorja, fis-sens li talbu dikjarazzjoni tal-Qorti li minkejja ftehim permezz ta' skrittura sabiex jakkwistaw kwota tal-halib, inkluz l-intitolamenti relatati maghha, l-konvenuti jew min minnhom qeghdin jirrifjutaw li jhalluhom jaghmlu uzu mill-imsemmija kwota mixtrija minnhom; talba sabiex jithallew jaghmlu uzu mill-imsemmija kwota permezz ta' ordni tal-Qorti; kif ukoll hija azzjoni ta' danni mressqa da parti tal-atturi, sabiex jigi dikjarat li huma qeghdin isofru danni konsegwenza tal-agir tal-konvenuti, kwindi talba ghal-likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas ta' danni.

17. Il-konvenuti konjugi Azzopardi eccepew li l-ftehim tal-24 ta' Marzu, 2009, kien bejgh b'kondizzjoni rizoluttiva, kif ukoll li l-imsemmi ftehim gie ffirmat kontestwalment mal-applikazzjoni tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, liema applikazzjoni ma gietx approvata u ghalhekk in-negozju spicca. Jinghad li l-partijiet ftiehmu li kellhom jergghu jitkellmu u jinnegozjaw mill-gdid appena c-cirkostanzi jinbidlu. Jikkontendu li mhumiex responsabbli ghal ebda danni stante li onoraw il-ftehim u f'kull kaz ir-rikorrenti ma sofrew ebda danni. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet premessi u in linea sussidjarja jekk it-transazzjoni tal-24 ta' Marzu, 2009 titqies bhala

konvenju, ma gewx segwiti l-provvedimenti tal-ligi u ghalhekk ukoll it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

18. Id-Direttur tal-Agrikoltura u l-Avukat Generali wiegbu li l-Avukat Generali mhuwiex legittimu kontradittur ghar-rikors promotur u li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

19. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz tas-sentenza taghha tal-25 ta' Marzu, 2013, laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali li mhuwiex legittimu kontradittur, cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Azzopardi, laqghet l-ewwel erba' talbiet attrici sa fejn dawn saru fil-konfront tal-konjugi Azzopardi, b'dan li l-atturi huma obbligati jhallsu l-prezz pattwit lill-konvenuti Azzopardi kontestwalment mar-registrazzjoni tal-kwota u l-intitolamenti f'isem l-attur li ghad trid issir mid-Dipartiment tal-Agrikoltura u lliberat lid-Direttur tal-Agrikoltura fir-rigward tar-raba', l-hames u s-sitt talbiet, peress li kien minhabba l-agir tal-konvenuti Azzopardi, li ma gietx finalizzata r-registrazzjoni tat-trasferiment u l-atturi sofrew danni. B'dan li l-konvenut ghandu minnufih jara x'fadal x'isir u jaghmlu sabiex jigi finalizzat it-trasferiment tal-kwantità ta' riferenza favur l-atturi flimkien mal-intitolamenti relevanti. Spejjez a karigu tal-konvenuti Azzopardi b'dan li d-Direttur tal-Agrikoltura ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez meqjusa l-pozizzjoni li ha wara l-ittra legali mibghuta mill-konvenut.

20. Permezz tas-sentenza tad-9 ta' Frar, 2015, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili llikwidat id-danni fis-somma ta' €75 ghal kull gurnata mis-6 ta' Mejju, 2009, sad-data tas-sentenza, flimkien mas-somma ta' €2,301 spejjez relatati mar-rapport ta' Emanuel Ellul u kkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' €157,875, flimkien mas-somma ta' €2,301 u bl-imghax mil-lum. Bl-ispejjez a karigu tal-konvenuti.

21. Il-konvenuti konjugi Azzopardi hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenzi u ghalhekk interponew appell minnhom. L-aggravji fl-appell principali jissejsu fuq is-segwenti binarji:

(I) l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tal-provi migjuba quddiemha dwar il-kwota tal-halib li kellha tinqaleb minghand l-appellant ghal ghand l-appellati, principalment peress li n-negozju ta' trasferiment bejn il-partijiet kien suggett ghall-approvazzjoni tad-Direttur tal-Agrikoltura. Jikkontendu li t-trasferiment tal-kwoti qatt ma gie fis-sehh peress li z-zewg partijiet kellhom pendenzi mad-Dipartiment li kienu jrendu n-negozjati impossibbli li jsiru;

(II) Filwaqt li l-atturi appellati jsostnu li l-ftehim tal-24 ta' Marzu, 2009, kien wiehed ta' bejgh, l-appellanti jikkontendu li ladarba l-ftehim la kien jindika kwota u lanqas prezz, il-ftehim kien nieqes mill-elementi ta' bejgh u ghalhekk il-ftehim kellu aktar sembjanza ta' konvenju. Izda l-fatt li l-

partijiet ma tawx terminu ghal dak intrapriz minnhom u b'referenza ghall-Artikolu 1357 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-konvenuti appellanti jikkontendu li l-effett ta' weghda spicca ladarba l-ftehim skada minghajr ma gie mgedded, jew jekk il-Qorti tqis li l-ftehim bejn il-partijiet jikkostitwixxi bejgh, isegwi li l-ordni tal-Qorti kellha tkun wahda limitata ghat-trasferiment tal-kwota u mhux li jithallsu wkoll id-danni.

(III) Dan il-punt iwassal ghat-tielet aggravju, fis-sens li l-appellati ma setghu qatt isofru danni stante li l-ftehim ma kienx jindika kwantità li kellha tigi trasferita u lanqas gie miftiehem prezz, tant hu hekk li m'ghaddewx flus u l-ftehim ma jipprovdix ghal penalitajiet jew danni f'kaz ta' morozità. L-appellanti jikkontendu li ma kellhom ebda kontroll fuq it-trasferiment tal-kwota, peress li kollox kien dipendenti mid-Dipartimenti koncernati. Isostnu li jezisti sproporzjon bejn l-ammont kwantifikat f'danni mill-ewwel Qorti li ordnatilhom ihallsu lill-appellati u l-inadempjenza riskontrata minnha, tant li l-ammont likwidat tefa' piz zejjed fuq l-appellanti li ma kellhom ebda responsabbilità u ghalhekk l-appellanti jilmentaw li gew ikkundannati jhallsu forma ta' penali minhabba inadempjenza ta' terz, f'dan il-kaz id-Dipartiment tal-Agrikoltura. Jishqu li ma kienx tort tal-appellanti li n-negozju ma sehhx, izda inadempjenza ta' terz u jekk xejn l-appellanti jargumentaw li kellhom jigu ordnati jitrasferixxu l-kwota u mhux li jhallsu wkoll il-penali. Ghalhekk ghandu jkun hemm diskrezzjoni tal-gudikant li japplika wkoll sens ta' ekwita.

22. L-atturi appellati ressqu appell incidentali da parti taghhom fejn jinghad minnhom li f'kaz li jintlaqa' l-appell principali u din il-Qorti ssib li ma kenux il-konjugi Azzopardi responsabbli ghall-akkadut, f'dak il-kaz ikun hemm lok li jigu mizmuma responsabbli l-konvenuti l-ohra u li l-kundanna ghad-danni ssir fil-konfront taghhom. L-atturi appellanti incidentalment isostnu li l-fatt li jirrizulta li kien hemm komunikazzjoni bejn diversi dipartimenti fosthom tal-Agrikoltura u s-Servizzi Veterinarji, kellu jwassal lill-Avukat Generali li jinstab bhala legittimu kontradittur. Jishqu li ressqu l-appell incidentali sabiex ma jigux ippregudikati, peress li mill-appell principali ma jirrizultax li Azzopardi qeghdin jappellaw fil-konfront tal-konvenuti l-ohra. Ghalhekk f'kaz biss li jintlaqa' l-appell principali tal-konvenuti Azzopardi, l-atturi jsostnu li min finalment jinsab li huwa responsabbli ghandu jaghmel tajjeb ukoll ghad-danni sofferti minnhom.

23. Trattati l-aggravji kollha, ghandu jinghad mal-ewwel li sa fejn fl-appell principali, l-konvenuti appellanti jilmentaw mill-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, tajjeb li jigi mfakkar li, din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax facilment id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti, sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi bizzejjed. Ghalkemm din il-Qorti ghandha tara u tifli l-valutazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti, m'ghandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm ragunijiet tabilhaqq serji biex taghmel dan. Il-funzjoni ta' revizjoni li trid taghmel din il-Qorti ma jwasslux bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-

ezercizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti, bhallikieku ma sar xejn. Ghall-kuntrarju, jekk jirrizulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti huwa wiehed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konkluzjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sintezi tar-ragunament mibni fuq dawk il-provi u t-thaddim xieraq tal-ligi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik diskrezzjoni. Kif inghad minn din il-Qorti, fis-sentenza taghha tas-16 ta' Dicembru, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Nazzareno Cardona et v. Massimo Zahra et**:

> *"… din il-Qorti tagħraf li bħala regola m'għandhiex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi jew ta' min imissu jitwemmen. F'ċirkostanzi bħal dawn, sakemm l-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi fattwali li jsir mill-ewwel Qorti ma jkunx fid-dieher wieħed irraġonevoli, din il-Qorti ma tindaħalx biex tgħid x'kienet taħseb hi jew jekk l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti kinitx tagħmlu bħalha[26]. Madankollu, huwa minnu wkoll li din il-Qorti (diversament komposta) qalet li "Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti"[27].*

Ghalhekk din il-Qorti hija obbligata li tixtarr mill-gdid il-provi in atti.

---

[26] *App. Ċiv. 26.1.2018 fil-kawża fl-ismijiet Josephine Aġius vs Piju Theuma*

[27] App. Ċiv. 14.12.2018 fil-kawża fl-ismijiet *Dott. Antoinette Cutajar vs L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et*

24. Jibda billi jigi osservat li l-azzjoni attrici hija wahda sabiex jigi rimedjat nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni u mhux ghat-thassir ta' ftehim, lanqas saret xi kontro-talba f'dan is-sens. Madankollu, ladarba tinghata eccezzjoni li kien hemm kundizzjoni rizoluttiva, jehtieg li tigi ezaminata ukoll dik l-eccezzjoni fid-dawl tal-ligi u tac-cirkostanzi tal-kaz. Il-ligi taghna tipprovdi ghall-kaz fejn persuna li tonqos taghmel dak li tkun ftehmet li taghmel, tista' tigi mgeghla twettaqaha. Dan ifisser li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni ma ggibx fix-xejn rabta, izda jaghti lok li tista' tintalab l-ezekuzzjoni taghha. Ghalhekk, sakemm il-ftehim ma jkunx fih patt ta' kundizzjoni rizoluttiva espressa, li meta ssehh iggib fix-xejn il-kuntratt b'mod li lanqas il-Qorti ma tista' taghti zmien lid-debitur li jwettaq l-obbigazzjoni. (Artikolu 1067 tal-Kodici Civili). Min-naha l-ohra, l-fatt li jkun sar ftehim bilaterali bejn tnejn min-nies jew izjed, johloq prezunzjoni li tinghadd li saret fih kundizzjoni rizoluttiva tacita, f'kaz li wahda mill-partijiet tonqos li twettaq dak li ntrabtet li taghmel. Fil-kaz ta' kundizzjoni rizoluttiva tacita, ma ggibx fi tmiem *ipso jure* l-obbligazzjoni (hlief f'kuntratti kummercjali) u l-Qorti ghandha s-setgha bil-ligi li taghti lill-konvenut zmien xieraq sabiex iwettaq dak li ntrabat illi jaghmel (Artikolu 1068 tal-Kodici Civili). Ir-rimedju ghat-twettieq ta' obbligazzjoni huwa l-ezekuzzjoni taghha. Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Ottubru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **MAC Limited et v. Said International Limited et.**

25. Fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, bosta drabi saret id-distinzjoni bejn kundizzjoni rizoluttiva espressa u dik tacita. Hekk per ezempju kif jirrizulta mir-rassenja gurisprudenzjali fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Mejju, 2014, ikkonfermata recentement minn din il-Qorti fis-27 ta' Marzu, 2020, fil-kawza fl-ismijiet **Antoine Camilleri v. Jason Aquilina:**

> "Fil-kaz ta` kundizzjoni risoluttiva tacita, ma hemmx xoljiment ipso iure tal-ftehim;
>
> *"Fil-kaz ta` kundizzjoni risoluttiva tacita tigi dikjarata biss jekk ikun hemm ragunijiet gravi u konkludenti li jissostanzjaw talba ta` din ix-xorta;*
>
> *"Anki f`kaz fejn hemm xoljiment ipso iure, xorta wahda jkun mehtieg li jkun hemm dikjarazzjoni mill-Qorti esplicita dwar dak ix-xoljiment. Dikjarazzjoni tal-Qorti ta` dan it-tip tinkiseb b`azzjoni maghmula lill-Qorti b`talba ghal dikjarazzjoni f`dan is-sens, u mhux sempliciment per via di eccezzione.*
>
> *"Id-differenza fil-konsegwenza ghas-sehh ta` kundizzjoni risolutiva tacita u kundizzjoni risolutiva espressa giet spjegata fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna.*
>
> *"Hekk per ezempju fil-kawza "Barbara vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici" deciza mill-Qorti ta` l-Appell fl-4 ta` Novembru 1987 inghad hekk :-*
>
> > *"Issa l-artikolu 1111 tal-Kodici Civili (kap. 23) illum art. 1068 kap. 16 jitkellem car u tond u bla bzonn ta` xi interpretazzjoni illi kondizzjoni risoluttiva tinghad dejjem bhala li giet maghmula fil-kuntratti bilaterali ghall-kaz li wahda mill-partijiet tonqos ghall-obbligazzjoni taghha, izda f` dan il-kaz, il-kuntratt ma jinhallx, ipso iure, u l-Qorti tista`, skond ic-cirkostanzi, taghti zmien xieraq lill-konvenut …"*
>
> *"Id-decizjoni tal-Qorti ta` l-Appell fit-23 ta` Novembru 1962 fil-kawza "Cole et vs Grixti" stabbiliet illi :-*
>
> > *" … skond l-art. 1111 tal-Kodici Civili, il-kondizzjoni risoluttiva hi dejjem sottointiza fil-kuntratt bilaterali fil-kaz li wahda mill-partijiet tonqos mill-obbligazzjonijiet taghha; u skond l-art. 1112 il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx giet esegwita tista` taghmel, jekk il-kondizzjoni ssehh, jew li titlob ir-risoluzzjoni tal-kuntratt jew li ggieghel lill-parti l-ohra tesegwixxi l-obbligazzjoni jekk dan jista` jkun …"*

> *"F`decizjoni ohra tal-Qorti ta` l-Appell tal-31 ta` Mejju 2002 fil-kawza "Abela vs Bonello noe" inghad illi :-*
>
> > *"Fil-kaz ta` kundizzjoni rizoluttiva espressa, il-Qorti ma taghtix zmien lill-parti inadempjenti biex tispurga n-nuqqas taghha. Fejn invece il-kundizzjoni rizoluttiva m`hijiex espressa imma wahda tacita f` dan il-kaz il-kuntratt ma jinhallx ipso jure." (sottolinjar ta' din il-Qorti)*

26. L-Artikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta), ukoll jipprovdi dwar il-kundizzjoni rizoluttiva tacita meta jinghad li, fil-kuntratti kummercjali, l-kundizzjoni rizoluttiva tacita msemmija fl-Artikolu 1068 tal-Kodici Civili tholl il-kuntratt *ipso iure* u l-qorti ma tistax taghti zmien lill-konvenut sabiex jigi mehlus mill-mora. B'dan illi dan l-artikolu ma japplikax ghal kuntratti ta' kiri ta' proprjetà immobbli jew ghal kuntratti ta' enfitewsi jew ghal kuntratti li l-hall taghhom, fil-kaz ta' nuqqas ta' wahda mill-partijiet milli thares l-obbligi taghha, jkun regolat b'ligi b'mod specjali. Fis-sentenza fl-ismijiet **CMV S.p.A v. Vittoriosa Gaming Limited** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar, 2017, inghad hekk dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 117 tal-Kap. 13:

> *"Dwar l-applikazzjoni ta` l-artikolu 117 tal-Kap 13 hemm divergenzi fid-decizjonijiet tal-Qrati Maltin. Il-Qorti ta` l-Appell fil-kawza "Cutajar vs Fenech" tas-6 ta` Ottubru 1999 qalet hekk :-*
>
> > *"… il-fatt li dan l-artikolu kien applikabbli ghall-fatti in kawza anke ghaliex il-partijiet ittrattaw l-obbligazzjoni bhala wahda kummercjali, naturalment, mhux necessarjment ifisser li kellu jigi hekk applikat fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz*
> >
> > *…ma hijiex infatti ghal kollox korretta l-impressjoni generali illi kien pacifiku fil-gurisprudenza li f` kontrattazzjonijiet kummercjali, il-kundizzjoni rizoluttiva kienet tipproduci dejjem u f` kull kaz ir-rizolluzzjoni tal-kuntratt di piena diritto u li l-Qorti, fejn l-inadempjenza kontrattwali f` kuntratt bilaterali tkun wahda kummercjali, ma setghet qatt takkorda lid-debitur ebda dilazzjoni biex jispurga l-mora. Jirrizultaw sentenzi fejn il-Qrati kkonsidraw beneficcju tal-purgazzjoni tal-mora u ma applikawx rigorozament, id-dispost ta` l-artikolu 117 tal-Kodici Kummercjali fejn ic-*

*cirkostanzi tal-kaz hekk kienu jindikaw. Dan ghaliex kien kjarament jirrizulta li l-parti li tkun qed tinvoka r-rexxissjoni tal-kuntratt fuq din il-bazi, ma tkun sofriet l-ebda pregudizzju bhala konsegwenza ta` l-inadempjenza u fejn allura jkun irrizulta illi l-adempjenza ma kenitx fattur materjali u determinanti ghall-esekuzzjoni ta` l-obbligazzjonijiet assunti mill-kontraenti fil-kuntratt bilaterali.*

"Illi dan huwa rifless fil-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Kummerc b'sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Giuseppe Aquilina vs Domenico Sammut" deciza fit-12 ta` Frar 1958 li fiha hekk jinghad:-

"Din il-Qorti, kif tinsab illum presjeduta, kellha bosta okkazzjonijiet biex tesprimi ruhha fis-sens illi bil-promulgazzjoni ta` l-Att numru XIV tal-1933, maghmul espressament biex jirregola l-obbligazzjonijiet kummercjali, illum inkorporat fil-Kodici tal-Kummerc (Titolu V), minhabba fid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 8 ta` dak l-Att, illum artikolu 121 (illum artikolu 117) tal-Kodici Kummercjali, il-purgazzjoni tal-mora kontemplata fl-imsemmi artikolu 1659 (illum 1068) tal-Kodici Civili ma tistax tigi iktar koncessa, u gahdha ta` l-istess fehma, izda l-Qorti ta` l-Appell tal-Maesta` Taghha r-Regina recentement irriteniet li ghadha tista` tigi koncessa, u ghalhekk din il-qorti sejra tikkoncediha.

…

"Jibqa` fatt ghalhekk illi f`kaz li ssehh kundizzjoni risolutiva li ma tkunx espressa f`kuntratt, ikun jehtieg li min ikun in mora jinghata zmien xieraq sabiex jaghmel dak li hu dovut minnu li jsir u ma jkun hemm l-ebda xoljiment tal-ftehim ipso iure. Hemm dubju jekk dan huwiex applikabbli ghal obbligazzjonijiet kummercjali, billi hemm divergenzi fil-gurisprudenza.

"Huwa ritenut b`mod kostanti illi l-inadempjenza da parti ta` kontraent ggib maghha l-eventwali xoljiment tal-ftehim **biss** fil-kazijiet fejn l-indampjenza tkun wahda gravi u b`konsegwenzi drastici. Din il-Qorti fis-sentenza taghha tal--21 ta` April 2004 fil-kawza "**Herrera vs Debattista**" ghamlet riferenza ghal decizjoni li tinsab fil-Vol. XLIII.II.805. Hemm inghad hekk :-

"… fost ir-ragunijiet preveduti mil-ligi ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratti hemm il-kondizzjoni rizoluttiva tacita fil-kaz li wahda mill-partijiet tkun inadempjenti (Artikolu 1111, illum Artikolu 1068 tak-Kodici Civili)… Hemm bzonn illi l-inadempiment ikun gravi u proporzjonat ghall-konsegwenzi derivanti mir-rizoluzzjoni (Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., Artikolu 1165 para. 236 u 239).

27. Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti wara li rat l-iskrittura tal-24 ta' Marzu, 2009, hekk kif citata mill-ewwel Qorti, m'ghandha l-ebda dubju li l-imsemmija skrittura m'ghandha l-ebda

provvediment fiha ta' natura rizoluttiva espressa. Dan ifisser li l-kundizzjoni rizoluttiva hija bilfors ta' natura tacita. Issa kunsidrat li l-Artikolu 5 (a) tal-Kodici tal-Kummerc jelenka fost l-atti tal-kummerc, ix-xiri ta' hwejjeg mobbli sabiex jergghu jinbieghu jew sabiex jinghataw b'kiri, sew in-natura jew wara li jinhadmu jew jigu manifatturati, il-bejgh jew il-kiri ta' hwejjeg mobbli, in-natura jew wara li jinhadmu jew jigu manifatturati, meta x-xiri taghhom ikun sar sabiex jergghu jinbieghu jew sabiex jinghataw b'kiri, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-ftehim tal-24 ta' Marzu 2009, jikkostitwixxi att ta' kummerc, ladarba jitratta bejgh u xiri ta' kwota tal-halib li jinhadem qabel jerga' jigi mibjugh fis-suq. Ghalkemm din il-Qorti tasal li taccetta li l-applikazzjoni ghal trasferiment permanenti ta' kwantità ta' referenza tal-halib 2009/2010 (esebita a fol. 7), saret kontestwalment mal-ftehim iffirmat mill-konjugi Vella u l-konjugi Azzopardi, tant li saru fl-istess gurnata u quddiem Frankie Caruana, ufficjal tad-Dipartiment, bhala xhud tal-firem, tqis li l-ftehim ta' bejgh bejn il-komparenti, kif rizultanti mill-iskrittura a fol. 6, kien dak il-hin konkluz u kull ma kien hemm pendenti kienet l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Agrikoltura sabiex igib fis-sehh it-trasferiment tal-kwota u tal-intitolamenti relatati mil-lat amministrattiv.

28. Madankollu din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-konvenuti appellanti li l-partijiet qatt ma setghu nnegozjaw trasferiment ta' kwota stante li l-partijiet kellhom il-pendenzi mad-Dipartiment u li l-process tat-

trasferiment tal-kwota tal-halib twaqqaf ghal ragunijiet imputabbli lid-Direttur. Din il-Qorti qeghda tinkwadra dan l-aggravju fit-termini tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti appellanti, li l-ftehim huwa milqut b'kundizzjoni rizoluttiva. Izda kif gustament osservat mill-ewwel Qorti, d-Dipartiment tal-Agrikoltura ma hareg ebda rifjut, anzi kien fil-process li johrog l-approvazzjoni formali mehtiega (ara korrispondenza a fol. 81 u x-xhieda ta' Dr Anthony Gruppetta a fol. 86 fejn jinghad minnu li wara li l-pendenza ma' Xmun Azzopardi giet rizolta, **huwa approva t-trasferiment,** u a fol. 96 fejn jinghad minnu li t-trasferiment seta' jsir wara li thallset il-multa da parti ta' Xmun Azzopardi). Izda kienu l-istess konvenuti bl-ittra legali taghhom (esebita a fol. 22), li waqqfu lid-Dipartiment konvenut milli johrog l-imsemmija approvazzjoni, osservazzjoni ferm importanti. Hekk ukoll, huwa ritenut li l-kuntratt kellu jigi fi tmiem permezz ta' dikjarazzjoni mill-Qorti, wara li titressaq kawza f'dan is-sens u mhux titqajjem bhala semplici eccezzjoni.

29. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx giet ezegwita ghandha l-ghazla li titlob il-hall tal-kuntratt, f'dan il-kaz l-atturi appellati li ghandhom dritt li jitolbu rexxissjoni tal-ftehim u mhux il-konvenuti appellanti, li altrimenti jkunu qeghdin jiehdu vantagg mill-istess inadempjenza taghhom. *Multo magis* meta wiehed jikkonsidra li l-unika raguni l-ghala d-Dipartiment ma pprocessax tali ftehim qabel, kien minhabba n-nuqqasijiet imputabbli lill-konvenuti appellanti (ara f'dan

is-sens ix-xhieda dettaljata ta' Dr. Anthony Gruppetta tat-2 ta' Mejju, 2012, u d-dokumenti esebiti minnu in sostenn tar-raguni ghala d-Dipartiment kien qieghed izomm it-trasferiment tal-kwota). Il-fatt li l-konvenuti appellanti issa jittantaw jinvokaw il-kundizzjoni rizoluttiva u jimputaw in-nuqqas tad-Dipartiment milli japprova l-imsemmi trasferiment bhala raguni ghandu mill-inkredibbli! Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti osservat li l-agir tal-konvenuti appellanti mhuwiex wiehed ta' bona fidi, li jmur kontra l-provvediment tal-Artikolu 993 tal-Kodici Civili, apprezzament li din il-Qorti tikkondividi pjenament.

30. Ghalkemm huwa minnu li jirrizulta mill-provi li kien hemm zmien fejn bosta baqar fuq ir-razzett tal-attur appellat kienu milquta bil-marda ta' *leukosis*, imkien ma rrizulta li din kienet ir-raguni l-ghala gie mtawwal il-process da parti tad-Dipartiment ghall-approvazzjoni tat-trasferiment tal-kwota inkwistjoni. Minkejja li l-kaz in ezami jitratta kuntratt kummercjali, fin-nuqqas ta' rifjut da parti tad-Dipartiment, ma jistax jinghad li l-kundizzjoni rizoluttiva giet fis-sehh. Kwindi, fil-fehma ta' din il-Qorti, jibqa' vigenti l-provvediment tal-Artikolu 1069, li jaghti dritt lill-atturi appellati bhala kredituri tal-obbligazzjoni (li lejhom ma gietx ezegwita l-obbligazzjoni) li jew jitolbu l-hall tal-kuntratt u kwindi li jigi rexxiss il-bejgh jew kif ghamlu f'dan il-kaz, li jinforzaw il-kuntratt u jgieghlu lill-konvenuti jezegwixxu l-obbligazzjoni, meta u sa fejn dan ikun possibbli. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma tqisx li l-ewwel Qorti ghamlet

apprezzament hazin tal-provi, anzi fic-cirkostanzi tal-kaz, id-decizjoni taghha hija sostnuta mill-provi li jinsabu fl-atti u ghalhekk titqies bhala wahda ragonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz.

31. Dan japplika wkoll ghat-tieni aggravju, peress li din il-Qorti tqis li ghamlet sew l-ewwel Qorti meta nkwadrat it-trasferiment tal-kwota tal-halib kif rizultanti mill-iskrittura tal-24 ta' Marzu, 2009, taht il-proveddiment tal-Artikolu 1347 tal-Kodici Civili li jipprovdi li l-bejgh huwa perfett malli jsir ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-haga ma tkunx giet ikkonsenjata u lanqas ikun ghadu thallas il-prezz. Kif inghad, a propozitu l-imsemmi artikolu fil-kuntest ta' bejgh ta' vettura, fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Novembru 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Cranes & Commercial Sales Ltd v. Micallef**:

> *"Dan ifisser illi ladarba l-kontendenti ftehmu fuq il-vettura u fuq il-prezz, anke kieku stess il-vettura kienet ghadha ma gietx konsenjata lill-konvenut, u dan kien ghadu ma hallasx il-prezz tal-bejgh, minn dak il-hin li sar il-ftehim, l-vettura ghaddiet fil-proprjeta` tal-konvenut u ghar-riskju tieghu. Il-bejgh ghalhekk jista' jitqies perfezzjonat. Ara Vol. XXXIII P I p 670 u Vol. XXXVII P II p 632;*
>
> *"In effetti, kif osservat, "la vendita commerciale, come la vendita civile e` perfetta, appena si conviene sulla cosa e sul prezzo e la proprieta` della cosa venduta si trasmette al compratore al momento in cui segue la vendita` ... e pertanto la merce e` a rischio del compratore appena questi ne diviene proprietario." (Vol. XX P III p 29)."*

32. Il-konvenuti appellanti qeghdin jargumentaw li, f'dan il-kaz, hemm elementi nieqsa li jxejnu l-ezistenza ta' dan il-kuntratt peress li l-iskrittura la tindika kwota ezatta u lanqas prezz. Din il-Qorti ma taqbilx li l-ftehim hu

nieqes minn xi elementi essenzjali li jrenduh mhux enforzabbli. Kif osservat mill-ewwel Qorti, ghalkemm ma jirrizultax li fl-imsemmija skrittura jissemma l-prezz, ma jirrizulta ebda dubju dwar il-prezz pattwit (ara f'dan is-sens ix-xhieda tal-istess konvenut appellant a fol. 90 tal-process, fejn jinghad minnu li l-ftehim kien li "*nbiegh tmenin (80) gallun tal-halib lis-sur Vella bi prezz ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) il-gallun, bil-patt kif iddur fuq ismu itini l-flus*", liema xhieda tinsab korroborata minn dik ta' Raymond Azzopardi, iben il-konvenut u l-mara tieghu Angie Azzopardi a fol. 93, kif ukoll dik tal-huttab Karmenu Brincat a fol. 12). Jigi nnotat ukoll li fl-iskrittura ta' bejn il-kontendenti fil-kawza, saret referenza ghad-dokument PT27/09-10, li minnu jirrizulta li l-ammont pattwit mal-atturi kien ta' 269,534 kilogramma halib. Tajjeb li jigi mfakkar li l-ligi ma tehtiegx li l-bejgh ta' oggett mobbli jsir permezz ta' skrittura, kwindi ladarba l-oggett tal-bejgh u l-prezz gew debtament ippruvati, l-argument tal-konvenuti appellanti ma jregix. Anzi, huwa mill-aktar inkongruwu li l-konvenuti appellanti jargumentaw li l-kwota u l-prezz ma kenux miftehma, peress li ghalkemm ma jirrizultawx mill-iskrittura, dawn indubbjament jirrizultaw miftehma.

33. Lanqas ma jregi l-argument tal-appellanti li l-ftehim kien wiehed simili ghal konvenju fejn l-imsemmi ftehim kien bi preparazzjoni ghall-kuntratt finali peress li minn qari semplici tal-iskrittura, jirrizulta al kwantu car li "*Il-bejjiegha **qeghdin** jitrasferixxu…. u x-xerrejja min-naha l-ohra*

***qeghdin** jakwistaw…”* - kliem li jindika car li t-trasferiment qieghed isehh permezz tal-istess skrittura, ma hemm ebda weghda ta' bejgh li kienet proposta li ssir fil-futur, u ghalhekk ma kien mehtieg ebda terminu li fih il-partijiet jintrabtu li jwettqu dak intrapriz minnhom u l-analogiji maghmula mill-konvenuti appellanti fir-rigward tal-Artikolu 1357(2) tal-Kodici Civili sabiex jargumentaw li t-terminu tal-weghda ta' bejgh u konsegwentement il-ftehim skada, ma jregux.

34. Hekk ukoll sa fejn l-appellanti jikkontendu li fl-aghar ipotesi kellhom jigu kkundannati jersqu ghat-trasferiment tal-kwota u mhux ukoll ghad-danni, lanqas dan m'hu sostnut fil-ligi, peress li l-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili jipprovdi espressament li kull minn jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni. Hekk ukoll l-Artikolu 1069 ma jipprovdix biss li kemm f'kaz ta' kundizzjoni rizoluttiva espressa, kif ukoll dik li titqies bhala maghmula, il-kreditur tal-obbligazzjoni ghandu dritt mhux biss jitlob il-hall tal-kuntratt jew igieghel lill-parti l-ohra tezegwixxi l-obbligazzjoni, izda fit-tieni subinciz tal-istess provvediment tal-ligi jinghad li, fil-kaz wiehed u l-iehor, il-konvenut jista' jigi kkundannat ghall-hlas tad-danni. Ladarba l-konvenuti appellanti naqsu milli jwettqu dak intrapriz minnhom, l-atturi ghandhom mhux biss id-dritt li jitolbu l-ezekuzzjoni tal-kuntratt, izda wkoll id-danni konsegwenti ghan-nuqqas tal-istess konvenuti li jwettqu dak li ntrabtu li jwettqu, jigifieri li effettivament jitrasferixxu l-kwoti tal-halib, meta waqqfu lid-Direttur

appellat milli johrog l-ittra formali ta' approvazzjoni ghall-imsemmi trasferiment kif spjegat qabel. Isegwi li lanqas it-tieni aggravju ma jimmerita li jigi milqugh.

35. Jonqos li jigi trattat it-tielet aggravju fl-appell principali, dak fejn jikkontestaw il-likwidazzjoni ta' danni maghmula mill-ewwel Qorti, peress li jikkontendu li l-iskrittura privata tal-24 ta' Marzu, 2009 ma tindikax kwantita li kienet qeghda tigi trasferita u lanqas tindika li kien hemm prezz pattwit, tant li m'ghaddew ebda flus, kif lanqas ma tipprovdi ghal hlas ta' danni jew ta' penali f'kaz li parti tkun moruza fl-obbligazzjoni taghha. Fil-verità jinhass li parti minn dawn l-ilmenti huma ripetizzjoni ta' dak li gie trattat taht l-ewwel zewg aggravji. Kif inghad qabel, ladarba l-bejgh kien jitratta oggett mobbli, ma kien hemm ebda htiega li t-trasferiment isehh bil-miktub u barra minn hekk ghalkemm mill-iskrittura nnifisha ma jirrizultawx il-kwantità u l-prezz, dawn kienu facilment determinabbli kif jirrizulta mill-provi in atti. Hekk ukoll, ghalkemm l-iskrittura ma tipprovdix ghal danni u penali ghal min jonqos milli jonora l-imsemmi ftehim, kif inghad qabel, il-provvedimenti tal-ligi stess jahsbu ghall-hlas ta' danni fejn persuna tonqos milli twettaq dak li tkun obbligat ruhha li taghmel u ovvjament bhal dan il-kaz, jirrizulta li jezisti n-ness bejn id-danni li garrab il-kreditur tal-obbligazzjoni, konsegwenza diretta tan-nuqqas tad-debitur li jwettaq dak li obbliga ruhu li jaghmel. Kif spjegat f'paragrafi 28 u 29, kien l-agir dirett tal-konvenuti appellanti li waqqaf il-process li tinhareg l-

approvazzjoni formali tad-Direttur appellat u ghalhekk l-appellanti ghandhom iwiegbu ghad-danni li sofrew l-atturi appellati konsegwenti ghan-nuqqas li l-konvenut effettivament jitrasferixxu l-kwota tal-halib li biha ntrabatu skont id-dokumenti tal-24 ta' Marzu, 2009. Jigi ribadit li huwa mill-aktar inkongruwu li l-appellanti jsostnu li ma kellhom ebda kontroll fuq it-trasferiment tal-kwota, meta jafu sew li kien l-intervent taghhom li waqqaf lid-Dipartiment milli jifformalizza l-imsemmi trasferiment. Ma kien hemm ebda ostakolu iehor ghad-Dipartiment li jifformalizza t-trasferiment pattwit, ghajr ghall-fatt li l-konvenuti appellanti biddlu l-fehma taghhom li jipprocedu bit-trasferiment.

36. Sa fejn il-konvenuti appellanti jilmentaw li jezisti sproporzjon bejn l-ammont likwidat f'danni mill-ewwel Qorti u l-inadempjenza riskontrata minnha, kif ukoll il-htiega tal-uzu tad-diskrezzjoni tal-gudikant sabiex tigi applikata l-ekwità fil-likwidazzjoni, minn qari tas-sentenza tal-ewwel Qorti tad-9 ta' Frar, 2015, jirrizulta li l-ewwel Qorti ghamlet il-kalkoli taghha wara li qieset ir-rapport ta' Emanuel Ellul, *accountant* inkarigat mill-atturi appellati, sabiex ihejji prospett tat-telf li garrbu, konsegwenza tan-nuqqas li jigi mwettaq dak miftiehem bejn l-atturi konjugi Vella u l-konvenuti konjugi Azzopardi. Il-konvenuti appellanti ma ressqu ebda prova sodisfacenti li tikkuntrasta dawn il-kalkoli u ghalkemm fl-appell taghhom jikkritikaw il-likwidazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti, ma jidentifikawx dettal specifiku tal-imsemmija likwidazzjoni li fil-fehma taghhom hija

ngusta, izda l-ilment taghhom huwa tassew wiehed generiku. Din il-Qorti wara li ezaminat il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fir-rigward tal-likwidazzjoni mwettqa minnha.

37. Madankollu, jinhass xieraq li jigi osservat li mix-xhieda ta' Dottor Justin Zahra moghtija quddiem din il-Qorti waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu, 2020, irrizulta li konsegwenza tar-regolamenti tal-Unjoni Ewropea, skadew il-kwoti b'effett mill-31 ta' Marzu, 2015 u li sussegwentement spicca r-rwol formali tad-Direttorat tal-Agrikoltura fit-trasferiment tal-kwoti u li mal-imsemmija skadenza, ir-regim tal-kwoti miet. Tant li, illum-il gurnata d-Direttur tal-Agrikoltura m'ghandux involviment fil-kwoti u fid-dritt ta' produzzjoni, peress li issa ghandu biss rwol ta' regolatur, mentri l-kwoti jintuzaw biss ghall-fini ta' referenza sabiex fuqhom jigu bbazati l-kuntratti li r-rahhala dahlu fihom mal-koperattiva, liema kuntratti huma bbazati fuq il-kapacità ta' kull razzett. Dan ifisser li ghalkemm l-ewwel Qorti kienet korretta fid-decizjonijiet taghha fis-sentenzi in ezami fil-mument li nghataw, jirrizulta li fil-mori tal-appell inbidlu certu cirkostanzi li jimmeritaw attenzjoni.

38. Hekk per ezempju, l-ordni tal-ewwel Qorti permezz tas-sentenza taghha tal-25 ta' Marzu, 2013, li jsir il-hlas tal-prezz kontestwalment mar-registrazzjoni tal-kwota u l-intitolamenti f'isem l-attur mid-Dipartiment tal-Agrikoltura x'aktarx li llum m'ghadux possibbli, peress li r-rwol tad-

Dipartiment f'dan is-sens spicca. Kwindi tqis opportun li ghalkemm illum il-gurnata d-Direttur ma jistax jirregistra t-trasferiment tal-kwota, dan it-trasferiment ghandu jitqies li sehh b'effett mill-5 ta' Awwissu 2009, (data tal-approvazzjoni tad-Dipartiment esebita a fol. 81). B'hekk jitqies gust u xieraq li l-ammont ta' hlas dovut lill-konvenuti konjugi Azzopardi fis-somma ta' €111,809.92 (80 gallun x Lm600= Lm48,000 li meta jigi diviz bir-rata ta' 0.4293 huwa ekwivalenti ghal €111,809.92) ghandu jitnaqqas direttament mis-somma ta' danni likwidata mill-ewwel Qorti permezz tas-sentenza taghha tad-9 ta' Frar, 2015.

39. Dan jinghad peress li altrimenti l-atturi ser ikunu jistghu jezegwixxu s-sentenza odjerna, izda minhabba ntopp amministrattiv li zviluppa fil-mori tal-proceduri, ma jkunux jistghu jithallsu l-konvenuti peress li l-procedura ta' registrazzjoni tat-trasferiment ta' kwoti da parti tad-Dipartiment, m'ghadhiex possibbli. Izda d-danni likwidati favur l-atturi, huma bbazati fuq il-bejgh li sehh fl-24 ta' Marzu, 2009, meta t-termini tan-negozjati bejn l-atturi u l-konvenuti kienu konkluzi u ghalhekk jitqies gust li jsir l-aggustament matematiku mehtieg sabiex jirrifletti dak li wara kollox kien miftiehem bejniethom u sabiex is-sentenzi jinghataw l-effett misthoqq u xieraq. Ovvjament l-atturi konjugi Vella jkunu jistghu jaghmlu uzu mill-imsemmija kwota trasferita lilhom, ghall-fini ta' referenza sabiex jinnegozjaw kwalunkwè kuntratt mehtieg ghax-xiri tal-halib sa fejn dan huwa possibbli. Ghalhekk fuq bazi tal-ekwità invokata mill-konvenuti

appellanti taht it-tielet aggravju jitqies opportun li ssir ir-riforma tas-sentenzi appellati f'dan is-sens.

40. Ladarba din il-Qorti ma qisetx li l-konvenuti appellanti ghandhom ragun fis-sustanza tal-appell principali, lanqas jista' jintlaqa' l-appell incidentali, in kwantu din il-Qorti, bhal ta' qabilha ma tqisx li l-Avukat Generali huwa legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici u dan jinghad ukoll a bazi tal-Artikolu 181(B) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Hekk ukoll, kif spjegat qabel, fil-fehma ta' din il-Qorti ma kienx l-agir tal-konvenut Direttur tal-Agrikoltura li wassal ghan-nuqqas li jigi ezegwit il-ftehim pattwit bejn il-konjugi Vella u l-konjugi Azzopardi, izda kien l-intervent dirett tal-konjugi Azzopardi li wassal ghal dan in-nuqqas li jigi ezegwit il-ftehim u ghalhekk huma ghandhom iwiegbu ghad-danni konsegwenti l-inadempjenza taghhom.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell principali tal-konvenuti konjugi Azzopardi billi tilqghu *in parte* sabiex tirriforma s-sentenzi appellati fis-sens li l-hlas dovut lilhom ghat-trasferiment tal-kwota ghandu jitnaqqas mid-danni likwidati mill-ewwel Qorti kif hawn qabel spjegat, b'dan illi l-imghax fuq il-bilanc tad-danni ghandu jiddekorri mid-data tal-ewwel sentenza. Tiddisponi mill-appell incidentali tal-atturi konjugi Vella billi tichad l-istess.

Bl-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif deciz mill-ewwel Qorti, l-ispejjez tal-appell principali jibqghu a karigu tal-konvenuti konjugi Azzopardi peress li kien id-dewmien taghhom li jwettqu dak pattwit minnhom, l-uniku raguni ghas-sitwazzjoni prezenti, filwaqt li l-ispejjez tal-appell incidentali jibqghu a karigu tal-atturi konjugi Vella.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb